MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA**

Seduta tat-18 ta' Frar, 2004

Numru 217/2001

**Il-Pulizija**
**Spettur Carmelo Bartolo**
**v**

**CARMEL sive CHARLES TONNA**
**OLIVER DIMECH**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputati **CARMEL sive CHARLES TONNA** ta' hamsa w ghoxrin sena, bin il-mejtin Alfred u Carmela nee Cachia, imwieldd s-Siggiewi nhar d-disgha w ghoxrin ta' Awissu 1955 u residenti 3, Alley 1, Triq il-Wied, B'Kara detentur tal-karta tal-identita numru 645055M u **OLIVER DIMECH** ta' wiehed u ghoxrin sena bin Anthony u Carmen nee Zammit, imwieled Hamrun nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Lulju 1979 u residenti 'Bernardette', Triq Wenzu Mallia, Hamrun, detentur tal-karta tal-identita numru 334679M gew imressqa quddiemha akkuzati talli nhar il-hdax ta'

Marzu 2000, waqt li kienu l-Floriana ghal-habta tas-sitta w nofs ta' filghodu voluntarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe skip, liema hsara tiskorri l-valur ta' hamsin lira maltin izda ma tiskorrix l-valur ta' hames mitt lira maltin u dan ghad-dannu tad-dirigenti tal-kumpanija Greenlines Environmental Services Limited.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fosthom l-kunsens tal-Avukat Generali datat l-ewwel ta' Gunju 2001 esibit fl-atti a fol 11 w immarkat bhala dokument CSH 2 sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Semghet lix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni.

Semghet lil partijiet jittrattaw l-kawza fis-seduta tat-tmienja ta' Jannar 2004.

Ikkunsidrat:

**PS 1417 Stephen Tarpi xehed nhar l-hdax ta' Dicembru 2001** li nhar l-hdax ta' Marzu 2000 waqt li huwa kien stazzjonat l-Ghassa tal-Pulizija l-Belt Valletta, ghall-habta tas-sitta w nofs ta' filghodu, ircieva rapport li kien hemm skip li kienet qed taqbad gewwa City Gate, Valletta. Huwa mar flimkien ma rappresentant tad-Dipartiment tal-Protezzjoni Civili sabiex jitfu n-nar in kwistjoni pero aktar tard fuq il-post sab li l-iskip in kwistjoni garbet hsarat estensivi. Minn aktar investigazzjoni li ghamel, irrizulta li l-iskip in kwistjoni tappartjeni lil kumpanija Greenlines Environmental Services Limited.

**John Said** rappresentant tal-kumpanija Greenlines Environmental Services Limited, **xehed nhar t-tmintax ta' Novembru 2003** fejn ikkonferma li din l-iskip garrbet hsarat estensivi u li din kienet proprjeta tas-socjeta minnu rappresentata u li huwa stima l-hsarat fl-ammont ta' mija u hamsin lira maltin. Spjiega wkoll li huwa qatt ma ghamel rapport lil Pulizija Ezekuttiva dwar dan l-hruq u li fil-mori tal-kawza huwa kien ircieva somma flus minghand l-imputat Carmel sive Charles Tonna u dan ghas-saldu ta' kull pretenzjoni li huwa setgha kellu fil-konfront tieghu.

**L-imputati ma xehdux f'dawn il-proceduri ghalkemm irrilaxxjaw zewg stqarrijiet b'mod voluntarju skond l-ligi** u dan fil-hdax ta' Marzu 2000, liema zewg stqarrijiet jinsab esibiti a fol 13 et seq tal-atti odjerni.

Illi minn ezami ta' dawn l-istess zewg stqarrijiet jirrizulta li kienu z-zewg imputati flimkien li harqu dan l-iskip li kienet hdejn il-kiosk ta' Mannarino nhar l-hdax ta' Marzu 2000 ghall-habta tas-sitta w nofs ta' filghodu u dan sabiex jaharqu l-hmieg li kien hemm go fiha. Gara pero li fil-process inharqet wkoll l-istess skip u kien bl-ghajnuna tal-fire engine li s-sitwazzjoni giet taht kontroll.

Illi ghalhekk minn apprezzament tal-provi migbura ma hemmx dubbju li z-zewg imputati ghandhom jinstabu hatja tal-akkuzi kif addebitati fil-konfront taghhom.

Rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikolu 325(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-fedina penali taz-zewg imputati esibiti fl-atti u cioe dawk markati bhala dokument A u B a fol 38 et seq minn fejn jirrizulta li fil-konfront tal-imputat Carmel sive Charles Tonna huwa kien instab hati ta' diversi kontravenzjonijiet fejn gie kkundannat amenda jew canfira u twiddiba, xi reati zghar dwar uzu hazin tal-apparat telefoniku, ta' ksur tal-Ordinanza tat-Traffiku u talli kkaguna ferita ta' natura gravi meta gie kkundannat multi w inghata probation.

Filwaqt li fil-konfront tal-imputat Oliver Dimech, dan ghandu registrat reat wiehed biss fis-sena 2001 dwar ksur fuq ligi fiskali, nuqqas ta' hlas tal-VAT fejn gie kkundannat multa ta' mija hamsa w sebghin lira maltin.

Illi fid-dawl ta' dan kollu u minhabba l-fatt li l-istess imputati ghamlu tajjeb ghal hsarat kagjonati minnhom u peress li l-valur tal-hsara ma kienx kbir, il-Qorti tqis li piena karcerarja ma hiex l-piena idoneja fic-cirkostanzi.

**Ghaldaqstant il-Qorti, wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikolu 325(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta**

**tiddikjara li qed issib lil imputat CARMEL sive CHARLES TONNA u OLIVER DIMECH hatja tal-akkuzi kif dedotti fil-konfront taghhom u tikkundannahom ghal hlas ta' mullta ta' mitt lira maltin kull wiehed.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------